

UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Strasburgu, 15 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

2021/0270 (COD)
LEX 2138

PE-CONS 70/1/21
REV 1

AGRI 487
AGRIFIN 123
AGRIORG 115
AGRISTR 69
STATIS 42
CODEC 1330

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) 2018/1091 FIR-RIGWARD
TAL-KONTRIBUZZJONI TAL-UNJONI GĦALL-ISTATISTIKA INTEGRATA
TAL-AZJENDI AGRIKOLI SKONT IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL
(UE, EURATOM) 2020/2093 LI JISTABBILIXXI L-QAFAS FINANZJARJU
PLURIENNALI GĦAS-SNIN MILL-2021 SAL-2027**

REGOLAMENT (UE) 2021/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Diċembru 2021

**li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1091 fir-rigward tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni
għall-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli skont ir-Regolament tal-Kunsill
(UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali
għas-snin mill-2021 sal-2027**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislativ lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2021 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2021.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi li l-Istati Membri jridu jiġbru u jipprovdu data strutturali ċentrali u data tal-moduli relatati mal-azjendi agrikoli (“data ċentrali u “data tal-moduli”, rispettivament) għas-snin ta’ referenza 2023 u 2026.
- (2) Biex jitwettqu l-istħarriġiet tal-istrutturi tal-azjendi agrikoli u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta’ informazzjoni tal-Unjoni, hemm bżonn finanzjament konsiderevoli min-naħa tal-Istati Membri u tal-Unjoni.
- (3) L-Istati Membri jridu jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja massima ta’ 75 % mingħand l-Unjoni għall-kostijiet tal-ġabriet tad-data ċentrali u tad-data tal-moduli għas-snin ta’ referenza 2023 u 2026, soġġetta għall-ammonti massimi speċifikati fir-Regolament (UE) 2018/1091.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2018/1091 jistabbilixxi l-pakkett finanzjarju għaż-żmien kollu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) rilevanti u jinkludi dispożizzjoni biex jiġi stabbilit l-ammont li jrid jingħata għal aktar ġbir tad-data skont il-QFP sussegwenti li jkopri l-istħarriġiet dwar l-istrutturi tal-azjendi agrikoli għas-snin ta’ referenza 2023 u 2026.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1).

- (5) Dak il-QFP sussegwenti għas-snin 2021 sa 2027 ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹.
- (6) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1091, l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli skont il-QFP għas-snin 2021 sa 2027 jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, bi proposta tal-Kummissjoni wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.
- (7) L-ammont propost għas-snin 2021 sa 2027 jenħtieġ jiffinanzja l-istħarriġiet tal-istruttura tal-azjendi agrikoli mwettqa fl-2023 u fl-2026 biss, inkluż il-kostijiet relatati mal-ġestjoni, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-bażijiet tad-data użati mill-Kummissjoni biex tipproċessa d-data pprovduta mill-Istati Membri.
- (8) Barra minn hekk, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, huwa xieraq li r-referenza għalih fir-Regolament (UE) 2018/1091 tiġi mħassra.
- (9) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2018/1091 jenħtieġ jiġi emendat skont dan.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

- (10) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ ġie kkonsultat,
- (11) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jirċievu finanzjament mill-Unjoni b' mod f' waqtu sabiex l-istituti nazzjonali tal-istatistika tagħhom jkunu jistgħu jħejju l-ġbir tad-data għas-sena ta' referenza 2023,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2018/1091 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“Għall-kostijiet miġbura flimkien tal-ġabriet tad-data ċentrali u tad-data tal-moduli għas-snin ta' referenza 2023 u 2026, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun limitata għall-ammonti massimi speċifikati hawn taħt:”;

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) EUR 2 000 000 kull wieħed għall-Bulgarija, għall-Ġermanja, għall-Ungerija u għall-Portugall;”;

(b) il-paragrafu 5 jitħassar;

(c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘7. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-għotjiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi pprovduta mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija skont l-Artikolu 4(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u, sa mill-1 ta' Jannar 2023, skont l-Artikolu 5(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

* Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L ...,, p...);

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament fid-dokument PE-CONS 65/21 (2018/0217 (COD)) u fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti n-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenza tal-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(2) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- ‘1. Il-pakkett finanzjarju tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-programm tal-ġabriet tad-data għas-snin ta' referenza 2023 u 2026, inkluż l-appropriazzjonijiet meħtieġa għall-ġestjoni, iż-żamma u l-iżvilupp tas-sistemi tal-bażi tad-data użati fi ħdan il-Kummissjoni biex tkun ipproċessata d-data pprovduta mill-Istati Membri permezz ta' dan ir-Regolament, għandu jkun EUR 40 000 000 għall-perjodu kopert bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093*.

* Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).’.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President